# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 96/7

L-Erbgħa 17 ta' Jannar 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

96.1 Mozzjoni – Parkeġġ fil-Gudja

96.2 Tmiem tal-laqgħa.

-------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**96.1.0 Mozzjoni – Parkeġġ fil-Gudja**

96.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku spjega għaliex huwa stess ħass li kellha tissejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex tiġi diskussa din il-mozzjoni sabiex b'hekk ikun hemm il-ħin li kull kunsillier jagħti sehmu u l-fehma tiegħu bl-aktar faċilità.

Is-Sindku stqarr li l-problema tal-parkeġġ madwar il-Gudja kollha ilha tiġi diskussa fil-Kunsill u li l-Kunsill qatt ma żamm lura li jressaq din il-problema quddiem l-ogħla awtoritajiet.

Is-Sindku stieden lis-Sur Sammut sabiex jispjega l-motivazzjoni ta' din il-mozzjoni.

96.1.2 Is-Sur Sammut beda billi spjega l-iskop ewlieni ta' din il-mozzjoni. Is-Sur Sammut stqarr li l-problema ta' parkeġġ ġewwa l-Gudja ilha żmien iżda dan l-aħħar qed tkun aktar akuta.

Is-Sur Sammut qal li huwa stess kien strumentali sabiex fis-sena 2012 wettaq eżerċizzju kif rikjest mit-TM dwar il-postijiet ta' parkeġġ ġewwa l-Gudja u wara t-TM awtorizzat numru ta' parkeġġi taħt l-iskema tar-*Residential parking Scheme* li kienet bi prova iżda t-TM ma segwithiex b'avviż legali.

Kien hemm bidla fil-Gvern u kien hemm diversi stqarrijiet li kienet sejra toħroġ *policy* ġdida liema *policy* s'issa għadha ma seħħitx.

Is-Sur Sammut fakkar li l-Kunsill nefaq ħafna flus kemm li għamel area ta' parkeġġ viċin l-ajruport kif ukoll billi żaba' linji blu u poġġa tabelli dwar ħinijiet ta' parkeġġ permissibbli għan-nies li mhumiex residenti ġewwa l-Gudja.

Is-Sur Sammut qal li t-TM baqgħet tirrifjuta li taġixxi sabiex tawtorizza l-iskema tal-parkeġġ bil-ħin għal dawk li ma joqgħodux l-Gudja.

Issa l-problema kibret u hemm diversi inkonvenjenti fosthom li karozzi jibqgħu pparkjati anke għal xhur twal, karozzi abbandunati b'liċenzja skaduta, karozzi b'numri barranin kif ukoll karozzi li jkunu ilhom ipparkjati għal ġimgħat sħaħ fl-istess post u anke kellhom jitħassru attivitajiet li jittellgħu mill-Kunsill.

Anke l-knis tat-toroq sar diffiċli minħabba karozzi li jibqgħu pparkjati fl-istess post għal bosta ġimgħat.

Ħaġa oħra li ġrat u li verament kompliet turta lir-residenti hija li kumpanija tal-kiri tal-karozzi bdiet tħalli u tnaddaf il-vetturi tagħha fil-parkeġġ li għamel il-Kunsill biswit l-ajruport liema kumpanija stqarret li għamlet dan għaliex fil-parkeġġ tal-ajruport ma kienx hemm spazju biżżejjed.

96.1.3 Saret diskussjoni dwar li l-Gudja qed titfaċċa problema partikulari u għalhekk kull talba għat-*timed parking* ġewwa l-Gudja għandha tiġi bbażata fuq dawn il-problemi speċifiċi li qed jolqtu l-Gudja u r-residenti tal-Gudja.

96.1.4 Għaldaqstant talba dwar bye law rigward il-parkeġġ fil-Gudja għandha jkollha dawn l-elementi u jittieħdu dawn il-konsiderazzjonijiet:

a. Talba uffiċjali għal *timed parking* u li jissemmew iċ-ċirkustanzi partikolari tal-Gudja.

b. Wieħed għandu jieħu wkoll konjizzjoni li hemm ħafna okkażjonijiet fejn vetturi jitħallew għal ġranet, ġimgħat u anke xhur meta s-sidien tagħhom isifru. Dawn ma jħallux il-vetturi tagħhom fil-parkeġġ tal-ajruport peress li dan jiswa ftit flus mhux ħażin.

c. Għal aktar minn tliet snin l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ppreżenta *master plan* li jsir żvilupp estensiv li jinkludi parkeġġ u espanzjoni tal-kummerċ u żieda kbira fil-passiġġieri li issa sirna nafu li sejjer ilaħħaq mas-sit miljun u nofs passiġġier. Il-parkeġġ il-ġdid tal-ajruport huwa maħsub li jkun għal madwar 1500 spazju u li l-Kunsill għandu jinsisti li parti minn dan il-parkeġġ ikun għar-residenti tal-Gudja.

Għalhekk il-Kunsill għandu jkompli bid-djalogu mal-MIA u l-Kunsill jitlob xi forma ta' kumpens għan-nies tal-Gudja bħalma seħħ mill-Freeport Corporation għan-nies ta' Birżebbuġa.

96.1.5 F'dan l-istadju sar qbil b'mod unanimu li kopja tal-mozzjoni bid-data 10 ta' Jannar 2018 tiġi annessa ma' dawn il-minuti u li l-paragrafi tal-istess mozzjoni jiġu numerati bil-paragrafu min-numru 1 sa numru 10.

96.1.6 Dwar paragrafu numru 5 saret proposta għal emenda preżentat mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur G. Fenech sabiex jitneħħa l-kliem 'iżda sal-lum ma jidher li sar l-ebda żvilupp dwar xi ħaġa minn dawn it-taħditiet'.

96.1.7 Is-Sur Caruana qal li mill-2014 ma jidhirx li kien hemm diskussjonijiet formali mal-MIA dwar din il-problema tal-parkeġġ li qiegħda tinħoloq min-naħa tal-MIA anke jekk dan mhux qed isir direttament mill-MIA.

Is-Sindku wieġeb li kien hemm diversi laqgħat u jidher li l-MIA kienet lesta li tikkopera mal-Kunsill.

Is-Sindku stqarr li l-Kunsill jista' jitlob li l-MIA tagħti kumpens finanzjarju fis-sena jew kull 6 xhur bħalma tagħmel il-WasteServ Malta lir-residenti ta' Marsaskala u ż-Żejtun.

96.1.8 Is-Sur Sammut qal li kellu jitwaqqaf xi forma ta' kumitat konġunt bejn l-MIA u l-Kunsill iżda dan jidher li ma seħħx. Jekk seħħ il-Kunsill għandu jkollu xi minuti li jiġu ppreżentati waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

96.1.9 Is-Sur Fenech qal li riċentament l-MIA għamlet applikazzjoni mal-PA dwar parkeġġ ieħor ta' 1000 post li 180 minnhom jistgħu jingħataw b'xejn lill-impjegati sabiex dawn ma jkomplux jipparkjaw ġewwa l-Gudja.

Is-Sur Fenech qal li huwa infurmat li numru ta' impjegati li jistgħu jipparkjaw fl-MIA mhux qed jagħmlu dan iżda għal raġuni jew oħra jippreferu li jipparkjaw fid-diversi toroq tal-Gudja.

Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill jista' jiġbed l-attenzjoni tal-MIA dwar dan sabiex tibda tissolva parti mill-problema.

Is-Sur Fenech għamel proposta sabiex il-Kunsill ikollu laqgħa mal-MIA sabiex iniżlu t-tariffi tal-parkeġġ sabiex in-nies li jagħmlu użu mill-ajruport jiġu mħajra aktar li jipparkjaw il-vetturi tagħhom fil-parkeġġi tal-ajruport.

96.1.10 Is-Sur Sammut qal li huwa qed jifhem li hemm qbil li irrispettivament mill-bye law hemm bżonn li jkun hemm djalogu mal-MIA sabiex jekk ma jkunx hemm soluzzjoni jkun hemm bidu li tista' tibda tissolva l-problema tal-parkeġġ b'mod sistematiku u bis-sostenn tal-MIA. Is-Sindku qal li huwa kien kontinwament jaħdem mal-awtoritajiet kompetenti u konċernati sabiex vetturi b'liċenzja skaduta jitneħħew mit-toroq tal-Gudja.

96.1.11 Fuq proposta tas-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku tressqet emenda sabiex jiġi mħassar il-kliem kollu kif preżentat fil-mozzjoni f'paragrafu 6 u floku jidħol il-kliem:

"Illi sa iżjed mill-21 ta' Awwissu 2017 waqt laqgħa nru 89/7 u fit-30 ta' Awwissu 2017 laqgħa nru 90/7, il-Kunsill Lokali kien qabel unanimament mal-proposta li din is-sitwazzjoni għandha tiġi indirizzata fost l-oħrajn fl-introduzzjoni ta' bye law".

96.1.12 Il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino għamel proposta li ġiet issekondata mill-Kunsillier is-Sur Fenech, dwar emenda sabiex paragrafu 10 jiġi mħassar fl-intier tiegħu.

96.1.13 F'dan l-istadju s-Sindku ressaq għal vot il-mozzjoni datata 10 ta' Jannar 2018 kif ippreżentata mill-proponent Mark Anthony Sammut u sekondata minn Stefan Caruana.

Voti favur: 2 - Mark Anthony Sammut u Stefan Caruana
Voti kontra: 3 - John Mary Calleja, Romeo Baldacchino u George Fenech

Il-mozzjoni kif imressqa mis-Sur MA Sammut u s-Sur S. Caruana ma għaddietx.

96.1.14 Is-Sindku ressaq għal vot l-emenda dwar paragrafu 5.

Voti favur: 3 - John Mary Calleja, Romeo Baldacchino u George Fenech
Voti kontra: 2 - Mark Anthony Sammut u Stefan Caruana

L-emenda kif imressqa mis-Sindku dwar paragrafu 5 għaddiet.

96.1.15 Kompliet id-diskussjoni dwar l-emenda dwar paragrafu 6. Is-Sur Fenech qal li malli nħatar Kunsillier kien talab laqgħa b'urġenza. Huwa qal li kien sorpriż kif is-Sinjuri MA Sammut u S. Caruana li kienu wkoll jagħmlu parti mill-Kunsill ma kinux huma stess li talbu għal bye law sa minn żmien ilu.

Is-Sur Fenech qal li jagħmel sens li meta l-MIA jibni żewġ sulari parkeġġ jew iżjed, sular minnhom għandu jiġi għar-residenti tal-Gudja u l-familjari tagħhom.

Is-Sur Fenech stqarr li fit-tfassil tal-bye law għandu jiġi assigurat li r-residenti tal-Gudja u l-familjari tagħhom ma jiġux affettwati ħażin.

96.1.16 Is-Sur Sammut qal li meta ssemmiet it-tkaxkir tas-saqajn huma ma kellhomx f'moħħhom il-membri tal-Kunsill iżda l-awtoritajiet li kienu u għadhom responsabbli sabiex jaħdmu mal-Kunsill sabiex tinsab soluzzjoni.

Is-Sur Sammut kompla billi qal li fil-mozzjoni tpoġġew *time frame* sal-31 ta' Jannar 2018 għandu jkun ġie fformulat il-qafas ta' tali bye law u jiġi ppubblikat sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2018. Dawn it-*time frames* għandhom jiġu rispettati sabiex b'hekk il-Kunsill juri li jkun qed jaħdem f'direzzjoni sabiex tinsab soluzzjoni.

96.1.17 Is-Sindku stqarr li jekk l-awtoritajiet jibqgħu ma jintervjenux sabiex tinsab soluzzjoni xierqa dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja, huwa kien lest li jagħmel protesta pubblika dwar dan.

96.1.18 Is-Sindku ressaq l-emenda dwar paragrafu 6 għal vot.

Voti favur: 3 - John Mary Calleja, Romeo Baldacchino u George Fenech
Voti kontra: 2 - Mark Anthony Sammut u Stefan Caruana

L-emenda dwar paragrafu 6 għaddiet.

96.1.19 Saret diskussjoni dwar paragrafu 10. Kemm is-Sur Sammut u s-Sur Caruana qalu li ma setgħux jifhmu għaliex filwaqt li sar qbil li jibda d-djalogu mal-MIA dwar xi soluzzjoni dwar il-parkeġġ, qed jiġi propost dwar din il-mozzjoni li jitneħħa paragrafu 10 li jitkellem speċifikament dwar il-bżonn li jkompli d-djalogu mal-MIA.

Is-Sur Baldacchino qal li l-mozzjoni fil-ħsieb tagħha titkellem dwar il-problema tal-parkeġġ fil-Gudja u ma għandhiex titkellem dwar l-MIA speċjalment f'dan l-istadju.

Dak li għandu jsir mal-MIA huwa barra minn din il-mozzjoni.

Is-Sur Fenech qal li jkun ħafif għall-MIA li tgħid li hija qed tipprovdi l-parkeġġ meħtieġ iżda din mhux soluzzjoni.

F'dan l-istadju kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana stqarru li dan mhux il-każ għaliex huma ħadmu dwar każ fejn kumpanija tal-kiri tal-karozzi kienet qed tħalli u tagħmel servizz fil-Gudja (faċċata tal-ajruport) peress li l-MIA ma setgħetx tipprovdi dan l-ispazju tal-parkeġġ.

Dan il-punt żgur għandu jiġi diskuss mal-MIA sabiex issib soluzzjoni.

Kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana stqarru li meta kulħadd kien qed jaqbel li ssir bye law li tagħti l-possibilità ta' skema ta' parkeġġ għar-residenti billi jiġu mmarkati kaxxi blu u meta jidher ċar li hemm bżonn ta' taħditiet mal-MIA għax għandhom ikunu parti mis-soluzzjoni, ma jistgħux jifhmu għaliex għandu jitneħħa paragrafu 10 li speċifikament li jitkellem dwar djalogu mal-amministrazzjoni tal-MIA.

96.1.20 Is-Sindku ressaq din l-emenda għal vot.

Voti favur; 3 - John Mary Calleja, Romeo Baldacchino u George Fenech
Voti kontra; 2 - Mark Anthony Sammut u Stefan Caruana

L-emenda għaddiet kif preżentata.

96.1.21 Wara li għaddew dawn l-emendi sar qbil li l-mozzjoni tiġi approvata kif emendata fir-rigward paragrafu 5, paragrafu 6 u paragrafu 10.

96.1.22 Is-Sur Sammut qal li dwar paragrafu 9 huwa kien qed jirreferi għal Ministru responsabbli mit-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u mhux għal Ministru għal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Din l-emenda ġiet issekondata mis-Sur Caruana u ġiet approvata nem con.

96.1.23 Fid-diskors tiegħu f'għeluq tad-diskussjoni dwar il-mozzjoni, is-Sur Sammut qal li huwa kien qed jaqbel li l-mozzjoni tiġi approvata kif emendata għaliex l-

emendi approvati ma jbiddlux is-sustanza tal-mozzjoni kif oriġinaljament preżentata minnu u ssekondata mis-Sur Caruana.

Is-Sur Sammut qal li issa l-Kunsill għandu jikseb il-pariri legali sabiex filwaqt li ma jwarrabx it-talba għar-*residential parking scheme (timed parking)* għandu tal-inqas jinkorpora fil-bye law li vettura li ma tkunx reġistrata fuq indirizz fil-Gudja u li tkun ilha pparkjata fil-Gudja għal iżjed minn 48 siegħa l-Kunsill ikollu d-dritt li din il-vettura, anke jekk ikollha l-liċenzja mħallsa, tiġi żgumbrata mit-toroq tal-Gudja.

Is-Sur Sammut qal li din it-tema sejra titqajjem fil-laqgħa pubblika li diġà ġiet imsejħa għall-Ħamis 18 ta' Jannar 2018 peress li huma bosta mir-residenti li qed jeżiġu li l-kwistjoni tal-parkeġġ ġewwa l-Gudja hija ta' prijorità li l-Kunsill ma jistax jinjora peress li fil-Gudja kollha hemm ċirkustanzi partikulari li ma jeżistux f'postijiet oħra anke f'dawk il-lokalitajiet fejn diġà qed titħaddem is-sistema ta' *residential parking scheme (timed parking)* li huma approvati mit-TM.

Is-Sur Caruana qal li fil-fehma tiegħu l-emendi kif approvati huma ta' importanza minima meta wieħed jara l-importanza li l-Kunsill Lokali tal-Gudja ikun b'mod unit u għandu jkompli jaħdem bla waqfien sabiex din il-problema ta' parkeġġ madwar il-Gudja tiġi solvuta u dwar is-soluzzjoni li l-MIA għandha wkoll tagħti sehemha b'mod dirett.

**96.2.0 Tmiem tal-laqgħa**

96.2.1 Is-Sur Baldacchino qal li meta qabel kien hemm il-ħsieb li l-problema ta' parkeġġ kien f'inħawi qrib l-ajruport, issa din tant infirxet li saħansitra waslet anke fil-Housing Estate tal-Mitħna.

Is-Sur Baldacchino qal li meta wieħed janalizza l-problema ssib li l-parkeġġ min-nies li ma joqgħodux fil-Gudja ġejja minn ħaddiema li jaħdmu fl-ajruport u minn dawk li jħallu l-karozza tagħhom fit-toroq tal-Gudja u jsifru.

Dawn iż-żewġ stanzi għandhom jiġu trattati b'modi separati u huwa hawn fejn l-MIA għandha tagħti sehem dirett tagħha.

96.2.2 Is-Sur Caruana qal li fil-fehma tiegħu l-ħaddiema tal-MIA u xi kumpaniji oħra ma jħallsux għal parkeġġ ġewwa l-MIA. Il-Kunsill għandu jinvestiga dwar it-tariffi tal-MIA u dwar min jingħata parkeġġ b'xejn mill-MIA sabiex b'hekk jinġabru possibbilment ir-raġunijiet għaliex xi ħaddiema jagħżlu li jipparkjaw ġewwa l-Gudja.

96.2.3 Is-Sur Fenech qal li fil-fehma tiegħu ġewwa l-Gudja hemm ħafna każi fejn għandu jsir żgumbrament ta' ħwejjeġ li jostakolaw il-bankini kif ukoll it-toroq u dwar dan il-Kunsill għadu ma ħax passi.

96.2.4 Is-Sindku stieden lil kulħadd li kull min ikun jaf b'xi każi bħal dawn għandu jirrapporta lill-Kunsill u meta jasal dan ir-rapport għand il-Kunsill, il-Kunsill iressaq il-każ għand il-Pulizija għaliex hija l-Pulizija eżekuttiva li għandha l-poter li taġixxi skont il-liġi dwar żgumbrament u mhux il-Kunsill.

Dwar il-laqgħat mal-MIA dwar il-problema tal-parkeġġ, is-Sindku qal li jistieden il-proposti tal-Kunsilliera sabiex dawn jiġu trattati mal-MIA bil-għan li jinkiseb progress tanġibbli mid-djalogu mal-MIA.

Is-Sindku qal li xtaq jirringrazzja lil kulħadd għal koperazzjoni f'dan ir-rigward u qal li huwa ta' sodisfazzjoni għalih li l-Kunsill qed jaħdem b'mod unit dwar il-problema ta' parkeġġ madwar il-Gudja. Huwa wiegħed li l-Kunsill ikompli bil-ħidma tiegħu f'kull livell sabiex din il-problema tiġi solvuta fl-aqsar żmien possibbli u jekk dan ma jkunx possibbli fi żmien immedjat tal-inqas il-*households* jiġu kompensati dwar dan l-inkonvenjent.

96.2.5 Peress li l-materja ta' fuq l-aġenda ġiet eżawrita, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.30pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv